# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 91/8

It-Tlieta 25 ta` April 2023

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88, Triq Raymond Caruana, il-Gudja fil-hamsa (5:00pm) ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dr Marija Sara Vella Gafà – Sindku
George Fenech – Kunsillier
Audrey Amri Brincat – Kunsilliera

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Stefan Caruana – Kunsillier
Marija Micallef – Kunsilliera

**ASSENTI**

Nil

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

Lara Mascena - Segretarju Eżekuttiv

AĠENDA

091.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

091.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti;

091.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

091.4 Skema: KRN/01/2023 Żvilupp u titjib ta` latrini pubbliċi awtomatiċi fir-Reġjun Nofsinhar;

091.5 SPI/SCI/01/2023: Skema Għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2023/2024;

091.6 SPI/SCI/02/2023 - Espressjoni ta' Interess għal servizz ta' manutenzjoni fil-Libreriji Lokali u Reġjonali fil-lokalitajiet madwar Malta u Għawdex;

091.7 Sejha ghall-Offerti: THE MAJOR REHABILITATION OF RURAL PASSEGWAYS AT TAL-GĦOLJIET AND SQAQ LOGGIA IN GUDJA, IN A RESOURCE EFFICIENT MANNER WHICH CONSIDERS WIDER ENVIRONMENTAL IMPACTS;

091.8 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

091.9 Rapporti;

091.10 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;

a. Triq iż-Żebbuġa – progress
b. Ġnien Raymond Caruana – progress
c. Miz 4.4: Ħitan tas-Sejjieħ – progress
d. Miz 4.3: Toroq Rurali – progress
e. Proġett tal-Pjazza – progress
f. Proġett tal-Ġnien ta` fejn il-Palazz – progress

091.11 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

091.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---

## Minuti

### Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku Dr. Marija Sara Vella ppresidiet il-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-hamsa u nofs ta` filghaxija (5:30pm) wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

**091.1 Qari tal-ittri ta' apoloġilji**

Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li kien hemm ittra ta` apologija tal-Kunsillier S Caruana u tal-Kunsilliera M Micallef fejn talbu sabiex jigu skuzati mill-laqgha minhabba ragunijiet personali. Dawn iz-zewg talbiet gew milqugha minn dawk prezenti.

**091.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

Dawn il-minuti ġew iċċirkulati qabel il-laqgħa tal-Kunsill u ġew meħuda bħala moqrija.

Il-Kunsill b'vot unanimu approva dawn il-minuti nru 89/8 nem con.

**091.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

091.3.1 Is-Sindku ghamlet referenza ghat-tizjin tas-slaleb ghal zmien il-Gimgha Mqaddsa, fejn il-membri tal-Kunsill qablu li jsiru linji gwida li jinkludu zmien, il-materjal u kif iridu jintramaw ghas-sena diehla li kulhadd irid isegwuhom. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li kull ghaqda tinghata s-somma ta` elf ewro.

091.3.2 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-attivita ta` Jum il-Gudja 2023, fejn il-Kunsill approva li ssir gita ghal Sqallija gimgha wara Jum il-Gudja, u l-quddiesa ssir is-Sibt 15 ta`Lulju, wara jiehdu sehem il-baned tal-lokal u wara jsir Jum il-Gudja bi spettaklu fuq il-palk. Il-Kunsillier G Fenech propona sabiex il-Kunsill jaghmel filmat qasir fuq persuni mill-Gudja li ghandhom `il fuq minn 60 sena. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti. Is-Sindku proponiet sabiex il-filmat ikun jitratta kif dawn in-nies raw lir-rahal tal-Gudja jinbidel. Is-Sindku proponiet sabiex matul is-serata ta` Jum il-Gudja jkun hemm grupp muzikali Malti bhal Kantera u li diskors li ser jsir ikun kif il-Gudja zviluppat bhala parrocca – il-Gudja, il-parocca li hija llum. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti. Is-Sindku ziedet tghid li ghal Gieh il-Gudja ghandu jkun hemm kriterji u li jkun hemm nominazzjonijiet. Wara diskussjoni, il-Kunsill approva li l-Bord tan-Nomimazzjonijiet ikun compost mis-Sur Mario Coleiro, Is-Sur David Schembri u s-Sinjura Marisa Pisani.

091.3.3 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-attivita tal-Palazz ta` Bettina, fejn qalet li kienet ta` success u li ser ikun hemm iktar diskussjonijiet mall-Baruni biex issir attivita ohra bhal din fil-vicin.

091.3.4 Is-Sindku qrat ir-rapport tal-Contracts` Manager ghax-xahar ta` Marzu 2023.

091.3.5 Is-Sindku prezentat il-korrispondenza li l-Kunsill ircieva minghand l-avukat dwar ic-cint li kellu jsir mis-sid il-plot fi Triq il-Lewz. Il-Kunsill qabel li tingbhat ittra ufficjali lis-sid.

091.3.6 Giet prezentata korrispondenza li ntbghatet mill-Kap tal-Iskola ta` St Joan Antide fejn intalab sabiex il-Kunsill jassisti billi jipprovdi ufficjal jew pulizija sabiex jassissti tfal biex imorru mill-iskola ghall-Knisja. Dwar dan is-Sindku qalet li ser titkellem mall-Kap tal-Iskola.

091.3.7 Prezentat Invit ta` Tnedija tal-Vizjoni Strategika Nazzjonali tal-Gvern Lokali li ser issir nhar it-Tnejn 8 ta` Mejju. Ghal dan l-avveniment ser tattendi s-Sindku.

091.3.8 Prezentata korrispondenza dwar il-Jum Dinji ta` Demm li ser tkun 14 ta` Mejju 2023, fejn il-Kunsill qabel li tinxtghel il-binja tal-Kunsill bl-ahmar. Il-Kunsillier G Fenech propona li jinxtghel il-Palazz ta` Bettina, wara li ssir talba mall-Baruni.

091.3.9 Is-Sindku proponiet li ssir harga ghal Jum l-Omm nhar it-Tlieta 16 ta` Mejju 2023 gewwa l-Imdina u r-Rabat. Il-Kunsilliera A Amri Brincat qalet sabiex il-Kunsill jara li jissusidja dawn il-hargiet sabiex ikun hemm prezz iktar ridott biex jattendu aktar nies. Il-Kunsill approva li l-hlas tal-harga tkun ta` 12.50Eur.

091.3.10 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li l-applikazzjoni ghar-refurbishment ta` Gnien Raymond Caruana kienet inqalbet fuqha bhala Sindku ghan-nom tal-Kunsill Lokali u kif ukoll li gie mgedded ghal hames snin ohra.

091.3.11 Prezentata korrispondenza li ntbghatet mill-perit tal-Kunsill dwar il-progett tal-Pjazza, fejn ntbghat disinn gdid wara li l-perita ddiskutiet mall-ghaqdiet biex ma jigux affettwati fl-armar. Il-perita ssugerriet sabiex fi Triq San Mark il-bankina titwesa u ssir lilha biss bil-pavimentar minhabba li mhemmx fondi bizzejjed.

091.3.12 Giet prezentata l-korrispondenza li l-Kunsill ircieva minghand TM dwar ir-road hump ta` Triq San Ciru sabiex din isir bl-asphalt u sabiex jigu nstallati tabelli ta` 30km/hr.

091.3.13 Prezentata korrispondenza dwar progett ta` Network of Towns fejn il-Kunsill wera l-interess tieghu li jkun partner f`dan il-progett.

091.3.14 Prezentata korrispondenza dwar progett ta` Network of Towns, fejn wara diskussjoni l-Kunsill qabel li japplika ghal progetti that Gender Equality u Climate Change.

091.3.15 Giet prezentata korrispondenza dwar progett tal-URBACT Network sabiex il-Kunsill Lokali tal-Gudja jkun partner. Il-Kunsill qabel li juri l-interess tieghu.

**091.4** **Skema: KRN/01/2023 Żvilupp u titjib ta` latrini pubbliċi awtomatiċi fir-Reġjun Nofsinhar;**

Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li ghal din l-iskema applikaw hames kunsilli lokali fosthom il-Kunsill Lokali tal-Gudja.

**091.5** **SPI/SCI/01/2023: Skema Għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2023/2024;**

Is-Sindku prezentat l-applikazzjoni dwar l-/SCI/2023 Skema ghall-Attivitajit Kulturali Annwali 2023/2024 fejn proponiet li l-Kunsill japplika ghal din l-skema biex titella` attivita ghaz-zminijiet tal-Milied flimkien mall-ghaqdiet tal-lokal. Din l-applikazzjoni giet approvata unanimament. Il-membri tal-Kunsill approvaw l-ispiza tal-15% tal-ammont li ser ninghataw li jigu nkluzi mall-ammont li ser jinghata.

Is-Sindku ssuggerriet li jinghata isem iehor lill-attivita, fejn wara diskussjoni gie maqbul li l-isem tal-attivita "Il-Magija tal-Milied".

**091.6**

**SPI/SCI/02/2023 - Espressjoni ta' Interess għal servizz ta' manutenzjoni fil-Librerij Lokali u Reġjonali fil-lokalitajiet madwar Malta u Għawdex;**

Is-Sindku prezentat l-applikazzjoni dwar Espressjoni ta` Interess ghal servizz ta` manutenzjoni fil-Libreriji Lokali u Regjonali fil-lokalitajiet madwar Malta u Ghawdex fejn proponiet li l-Kunsill japplika ghal din l-iskema biex isiru diversi manutenzjonijiet fil-Librerija tal-Gudja fejn huwa neccessarju u kif ukoll biex isir zona ghal qari ghat-tfal. Din l-applikazzjoni giet approvata unanimament.

**091.7**

**Sejha ghall-Offerti: THE MAJOR REHABILITATION OF RURAL PASSEGWAYS AT TAL-GĦOLJIET AND SQAQ LOGGIA IN GUDJA, IN A RESOURCE EFFICIENT MANNER WHICH CONSIDERS WIDER ENVIRONMENTAL IMPACTS;**

Is-Sindku nfurma lil dawk prezenti li document ghas-sejha tal-offerti gie preparate u ntbghat lid-Dipartiment sabiex jigi kkonfermat li dokument huwa tajjeb sabiex jigi ppublikat. Kopja ta` dokument ser jintbghat lill-membri tal-Kunsill.

**091.8**

**Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

091.8.1

Il-Kunsillier G Fenech talab sabiex il-Kunsill jiccekja ma` IM dwar il-progett li ser ikun qed isir fiz-zona tal-Barrani.

091.8.2

Il-Kusillier G Fenech issugerriexa sabiex jekk huwa possibli li parti mill-gnien ta` fejn il-Palazz isir dog park.

**091.9**

**Rapporti;**

**091.10** Ma kien hemm.

**Temi oħra tal-Kunsill Lokali;**

a. **Triq iż-Żebbuġa – progress**
b. **Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina - progress**
c. **Ġnien Raymond Caruana – progress**
d. **Miz 4.4: Hitan tas-Sejjieh – progress**

Is-Sindku talbet sabiex isir Change Request sabiex jigedded iz-zmien sal-ahhar ta` Settembru 2023. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

**e. Proġett tal-Pjazza – progress**

Is-Sindku ghamlet referenza ghall-progett tal-Pjazza fejn infurmat lil dawk prezenti li kif ser titlesta Triq De Warsbergh ser jinbeda xoghol fuq Triq iz-Zebbuga u wara ssir il-pjazza minn IM. Il-Kunsillier G Fenech talab sabiex il-Kunsill ikollu ndikazzjoni x`parkeggi ser ikunu qed jonqsu mad-dawra kollha tal-knisja. Is-Sindku talbet sabiex il-perit tal-Kunsill jindika dan.

**091.11** **f. Proġett tal-Ġnien ta` fejn il-Palazz – progress**

**Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

Il-pagamenti nru 48/8 kif ippreżentata ġiet ipproponuta mill-Kunsilliera A Amri Brincat u ssekondata mill-Kunsilliera G Fenech għall-ammont totali ta' €25,857.44 u ġiet approvata nem con.

**091.12**

Tmiem tal-Laqgha

Il-Laqgha ntemmet fit-tmienja u kwart ta` filghaxija (8:15pm). Is-Sindku aġġornat il-laqgha għal nhar l-Erbgha 17 ta` Mejju 2023 fuq aġenda li tiġi ċċirkulata għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

Konfermati, illum il-Tlieta 23 ta' Mejju 2023

ffirmati
Dr. Marija Sara Vella Gafà
Sindku

ffirmati
Lara Mascena
Segretarju Eżekuttiv